**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

Rikors Numru: 280/2019 NL

**Farsons Beverage Imports Co Ltd (C-476)**

**vs**

1. **Direttur Generali (Dwana)**
2. **Kummissarju tat-Taxxi**

Illum, 29 ta' Mejju, 2023

Il-Qorti:

**Premessi**

Rat ir-rikors[1] tas-socjeta` attrici tad-29 ta' Novembru 2019 li permezz tieghu ippremettiet:

1. *Illi fit-tmienja ta' Ottubru tas-sena 2019 (8/10/2019) is-socjeta` rikorrenti rceviet in-nota ta' Qbid nru 339/2019 datata tnejn ta' Ottubru tas-sena 2019 b'liema nota s-socjeta` rikorrenti giet infurmata li diversi fliexken ta' inbid u xorb alkoholiku iehor hekk imnizzla fil-lista annessa man-nota ta' Qbid kienu qieghdin jigu sekwestrati mill-Ufficjali tad-Dwana;*

2. *Illi l-valur tal-imsemmija fliexken tal-inbid u xorb alkolholiku huwa ta' disat elef tlett mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centeimu (€9,316.47);*

3. *Illi wara li s-socjet`a rikorrenti giet notifikata bin-nota ta' Qbid nru 339/2019 hija baghtet ittra lill-Kontrollur tad-Dwana u Kummissarju tat-Taxxi ai termini tal-Artikolu 28 tal-Kap 382 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ewwel ta' Novembru tas-sena 2019 permezz ta' emajl u posta registrata, b' liema ittra r-recipjenti gew mgharfa li l-qbid kien ser jigi kkontestat permezz ta' dawn il-proceduri;*

4. *Illi jirrizulta li l-imsemmija fliexken gew maqbuda minhabba li l-boll stampat fuq l-istess kien wiehed zbaljat (giet annessa band b'ohra) u dan minkejja li d-Dazju tas-Sisa dovut skond n-natura tal-imsemmija fliexken kien gia` gie pjenament u korrettement imhallas;*

5. *Illi l-esponenti ssostni illi ma tirrizulta ebda vjolazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kap 382 u s-sitwazzjoni odjerna ma hija bl-ebda mod kunsidrata bhala*

[1] Fol. 1-4

*ksur tar-Regolament 13 tat-Taqsima B u tar-Regolament 13 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap 382 tal-Ligijiet ta' Malta;*

6. *Illi r-Regolament Numru 12 tat-Taqsima B u F fil-fatt jitolbu illi l-kontenitur kontenenti l-alkohol ikun imwahhal fuqu faxxa jew bolla kif indikat mill-Kummissarju. Fil-fatt, tali faxxa jew bolla kienet tassew imwahhla imma sempliciment bi zball genwin giet annessa faxxa jew bolla zbaljata. Dan il-fatt pero' ma kellu assolutament ebda mpatt fuq il-hlas korrett tad-dazju, kif se jintwera ahjar fil-kawza;*

7. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost huwa evidenti mill-fatt li ebda ammont finanzjarju ma huwa jew kien dovut bhala Dazju fuq il-fliexken sekwestrati li dan huwa iball genwin li qatt ma missu wassal ghall-Qbid tal-oggetti sekwestrati (Dan il-punt gie wkoll kunsidrat mill-Qorti tal-Appell Inferjuri, Appell Civili numru 201/2012/1, Patrick Cellars Limited et v Il-Kummissarju tat-Taxxi);*

8. *Illi l-imsemmija Qbid ghalhekk mhux biss huwa bla bazi legali izda wkoll jikkonsisti f'mizura ta' natura drakonjana li twassal biss ghal vjolazzjoni tad-drittijiet ta' Propjeta` tas-socjeta` attrici kif hekk kunsidrati mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea;*

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici li din il-Qorti:

1. *Tiddikjara li twahhil ta' faxxa jew bolla zbaljata kien merament zball genwin;*

2. *Tiddikjara illi ma kien hemm l-ebda ksur tar-regolamenti taht l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3. *Tirrevoka u/jew tannulla l-effetti tan-nota ta' Qbid numru 339/2019;*

4. *Tordna r-rilaxx u ritorn tal-oggetti kollha sekwestrati bin-nota ta' Qbid numru 339/2019 fi zmien qasir u perentorju;*

*Bl-ispejjez u b'riserva ghad-dritt ta' tehid ta' proceduri Kostituzzjonali.*

Rat ir-risposta[1] tad-Direttur Generali (Dwana) u tal-Kummisarju tat-Taxxi tal-21 ta' Jannar 2020 li permezz taghha wiegbu ghar-rikors promotur tas-socjeta` rikorrenti billi sostnew is-segwenti:

1. *Illi in linea preliminari, l-Avukat tal-lstat ghadu ma giex notifikat ai termini tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi in linea preliminari wkoll, il-Kummissarju tat-Taxxi mhux il-legittimu kontradittur fir-rigward tal-azzjoni odjerna ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li n-Nota ta' Qbid li qed tigi kontestata taqa' fil-kompetenza tad-Direttur Generali (Dwana);*

3. *Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu t-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma insostenibbli ai termini tal-provvedimenti tal-Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghar-ragunijiet segwenti:*

[1] Fol. 24-28

i *Illi l-fatti tal-kaz jikkoncernaw Nota ta' Qbid li qed tigi kkontesta permezz tal-azzjoni odjerna u li ghandha n-numru ta' referenza 339/2019 datata 2 t'Ottubru, 2019. L-esponent Direttur Generali (Dwana) qabad, fil-prezenza tas-socjeta` attrici, minn 'Farsons Direct', The Brewery, Mdina Road, Mriehel, is-segwenti xorb alkoholiku:*

*a.* *Disat (9) fliexken ta' 70cl kull flixkun The Dalmore 20 Year old Whisky;*

*b.* *Flixkun ta' 700ml Ichiro Malt and Grain Whisky;*

*c.* *Zewgt (2) ifliexken ta' 70cl kull flixkun Hibiki Harmony 30 Anniversary Whisky;*

*d.* *Tiett (3) ifliexken ta' 70cl kull flixkun Hibiki 17 Year Old Whisky;*

*e.* *Flixkun ta' 70cl The Yamazaki 12 Year old Whiksy;*

*f.* *Tlett (3) ifliexken ta' 70cl kull flixkun The Hakushu 12 Year old Whisky;*

*g.* *Flixkun ta' 70cl The Yamazaki Limited Edition 2017 Whisky;*

*h.* *Disat (9) ifliexken ta' 70cl kull flixkun The Glenlivet 13 Year old Whisky;*

*i.* *Flixkun ta' 700ml Redbreast Sherry Finish Lustau Whisky;*

*j.* *Flixkun ta' 700ml Cinzano Extra Dry Vermouth;*

*k.* *Flixkun ta' 750ml Rizzardi Vignaunica 2016;*

*l.* *Flixkun ta' 750ml Monaci Artas 2015;*

*m.* *Tlett (3) ifliexken ta' 70cl kull flikxun Laphroaig Brodir Port Wood Whisky;*

*n.* *Erbat (4) ifliexken ta' 70cl kull flikxun Laphroaig Cairdeas Fino Cask Whisky;*

*o.* *Flixkun ta' 700ml Mezcal Amores Cupreata;*

p. *Flixkun inbid ta' 750ml UR Montipagano Red 2015;*

q. *Zewgt (2) ifliexken ta' 700ml kull flixkun Lazzaroni Infinito Nero;*

r. *Erbat (4) ifliexken ta' 750m] kull flixkun Woodbridge White Zinfandel 2017;*

s. *Tlett (3) ifliexken ta' 750ml kull flixkun Ksara Chateau Red 2013;*

t. *Hamest (5) ifliexken ta' 750ml kull flixkun Nyetimber Classic Cuvee Champagne;*

ii *Illi effettivament meta d-Dwana ghamlet il-verifiki necessarji, irrizulta li kien hemm ksur tal-provvedimenti doganali;*

iii *Illi irizulta mill-ispezzjoni li ghamlu l-ufficjali tad-Dwana, li fir-rigward tax-xorb imsemmi hawn fuq u li hu soggett ghar-regolamenti tal-Kap. 382 li jirregola prodotti soggetti ghad-Dazju tas-SISA, s-socjeta` rikorrenti naqset milli taghti spjegazzjoni gustifikata u konvincenti lill-awtorita doganali Maltija meta instab dan l-ammont ta' xorb alkoholiku b'bollol lewn id-deheb imwahhal mieghu, liema bollol twaqqaf l-uzu taghhom fl-1 ta' Gunju, 2015, u kull bolla ta' lewn dehbien mhux imwahhla kellha tigi ritornata lura lid-Dipartiment tad-Dwana sa mhux aktar tard mill-14 t'Awwissu, 2015;*

iv *Illi ghalhekk irriiulta li gjaladarba il-fliexken tal-inbid u alkohol sopracitat ma kellhomx imwahhlin il-faxxex jew bollol appoziti skont is-Sitt Skeda tal-Kap. 382, dawn l-istess fliexken tal-inbid u alkohol kienu jinsabu in kontravenzjoni tal-provvedimenti tal-istess Kap. 382;*

v *Illi s-sentenza Patrick Cellars Limited et vs Il-Kummissarju tat-Taxxi li ghaliha taghmel referenza s-socjeta`rikorrenti ma ssibx siwi fic-cirkostanzi odjerni gjaladarba dan il-kaz kien jitratta qbid ai termini tal-artikolu 61 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward ta' dikjarazzjonijiet skorretti fil-kwantita` jew ghamla ta' oggetti importati;*

vi *Illi skont ir-Regolament 13 tat-Taqsima B u tar-Regolament 13 tat-Tasqima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta il-fliexken ta' inbid u alkohol li jinsabu bi ksur tad-dispozizzjonijiet tar-regolamenti 11 u 12 tal-istess Taqsimiet tal-istess Att ghandhom jigu kkonfiskati tassattivament u l-esponent Direttur Generali (Dwana) ma ghandu l-ebda diskrezzjoni fir-rigward;*

vii *Illi ghar-ragunijiet fuq esposti jirriiulta li l-esponenti ottempraw ruhhom mal-ligi u l-allegazzjonijiet tas-socjeta` rikorrenti li l-imsemmija oggetti qatt ma kellhom jinqabdu permezz tan-Nota ta' Qbid 339/2019 ma jregux kif se jirriiulta ahjar waqt il-provi u t-trattazzjoni tal-kaz odjern;*

viii *Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-0norabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur bhala infondati fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjez.*

Rat illi din il-kawza giet assenjata[1] lil din il-Qorti kif ippresjeduta permezz tad digriet ta' l-1 ta' Jannar 2020 mill-Prim Imhallef Emeritus Joseph Azzopardi LL.D.[2];

Rat illi waqt is-seduta tas-16 ta' Novembru 2020, ai fini tal-ewwel (1) eccezzjoni tal-intimati, l-istess intimati taw ruhhom b'notifikati u ghalhekk din giet sorvolata;

Rat illi waqt l-udjenza tal-4 ta' Mejju 2022[3] il-provi tas-socjeta` rikorrenti gew maghluqa, filwaqt li fl-4 ta' Ottubru 2022[4], il-provi tal-imtimati gew maghluqa ukoll;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet waqt is-seduta tat 22 ta' Frar 2023;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha in atti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza u ma jirrizultax illi saret xi talba ghas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza jew li hemm xi impediment iehor ghall-ghoti tas-sentenza illum;

**Provi;**

---

[2] Fol. 18
[3] Fol. 50
[4] Fol. 79

Is-socjeta` rikorrenti ressqet affidavit[1] ta' **Norman Aquilina**, li jokkupa l-kariga ta' Direttur taghha. Spjega li fit-8 ta' Ottubru tas-sena 2019, is-socjeta` ircevit nota ta' qbid numru 339/2019 li biha giet infurmata li d-diversi fliexken ta' xorb alkoholiku elenkati fil-lista annessa man-nota kienu qed jigu sekwestrati mill-ufficjali tad-Dwana. Il-valur ta' dan ix-xorb komplessivament jlahhaq is-somma approssimattiva ta' €9,316.47. Skont ma jaf ix-xhud, il-fliexken gew sekwestrati mid-Dwana minhabba li l-boll imwahhal maghhom kien wiehed zbaljat u cioe` li "giet annessa band ohra" u dan minkejja li, skont hu, id-dazju u s-sisa dovuti skont in-natura tal-oggett kienu fil-fatt gew imhallsa u b'hekk, ma kien hemm l-ebda intenzjoni qarrieqa minn naha tas-socjeta` izda kien biss zball genwin.

In kontro-ezami[2], ix-xhud ikkonferma lix-xorb maqbud kien gie mportat f'Novembru 2018 u tali importazzjoni kienet saret ghal skopijiet kummercjali. Ikkonferma li f'dan il-kaz, il-maggoranza tal-fliexken kellhom bolla hazina mwahhla u xi wahdiet ma kellhom l-ebda bolla. Ikkonferma ukoll li l-kumpanija kemm il-darba importat xorb u l-bollol twahhlu b'mod korrett.

Is-socjeta` rikorrenti ressqet ukoll affidavit[3] ta' **Pierre Stafrace**, rapprezentant tal-Wines, Spirits, Beverages & Tobacco Business Section fi hdan il-Malta Chamber of Commerce datat 8 ta' April 2022, fejn permezz tieghu, ix-xhud jispjega li fil-prezent, is-sitwazzjoni tjiebet hafna miz-zmien relevanti ghal din il-vertenza f'dak li jikkoncerna l-bollol tas-sisa u dan ghax "issa, mhux bhal qabel, hemm biss *banderol* wiehed li huwa wzat ghall-ispirti kollha li ghandhom persentagg ta' alkoholiku ta' aktar minn 10%" u jikkwalifika li "dan sehh wara diversi komunikazzjonijiet mal-Awtoritajiet li nahseb li anke` huma fehmu l-problema li kien hemm". Xehed ukoll li kien hemm hafna problem bl-adesiv

[1] Fol. 39
[2] Fol. 80-81
[3] Fol. 59

tal-banderols provduti mid-Dwana, tant li dawn gieli kienu jaqghu wahedhom minn mal-fliexken bhallikieku qatt ma kienu twahhlu.

Dak li kollu li xehed Pierre Stafrace gie kkonfermat ukoll kelma b'kelma minn **Tarcisio Piscopo** u **Michael Darmanin**, rapprezentanti ohrajn tal-Wines, Spirits, Beverages & Tobacco Business Section fi hdan il-Malta Chamber of Commerce, permezz tal-affidavits[1] taghhom datati 29 ta' April 2022.

Ix-xhud Michael Darmanin gie prodott in kontro-ezami[2] mill-intimati. Iccara li huwa ma kellu l-ebda involviment mas-socjeta` rikorrenti dwar dan il-kaz, izda mill-lat ta' industrija, jista' jikkummenta li ra diversi kazijiet simili. Dwar il-problema tal-adesiv tal-*banderols*, sahaq li ghalkemm dwar dan il-kaz ma jafx x'gara ezatt, din kienet problema rinfaccjata mill-importaturi kollha tant li kien hemm komunikazzjoni bejn il-Malta Chamber of Commerce u d-Dipartiment tad-Dwana dwar dan.

Is-socjeta` rikorrenti ressqet bhala xhud lil **Joseph Chetcuti**, eks-Direttur Generali tad-Dwana bhala xhud, waqt is-seduta tat-8 ta' Frar 2022[3]. Spjega li l-iskop tal-istrixxi tal-boll huma sabiex jigi indikat li dak kollu davut fir-rigward tal-prodott ikun thallas. Din l-istrixxa ghandha titwahhal b'mod il meta jinfetah il-prodott tigi distutta, u ghalhekk, fil-kaz ta' fliexken tax-xorb, suppost titwahhal bejn l-ghonq u t-tapp.

Spjega li l-istrixxi kulur id-deheb setghu jintuzaw biss fuq fliexken tal-inbid importati f'Malta qabel l-1 ta' Jannar 2015. Fir-rigward ta' imbejjed importati

[1] Fol. 60 u 61 rispettivament
[2] Fol. 82-83
[3] Fol. 43-46

mill-1 ta' Jannar 2015 'il quddiem, kellhom jibdew jintuzaw tip ta' bollol differenti.

Meta saret evalwazzjoni biex jigi stabbilit jekk kienx ingabar dak kollu dovut in kwantu ta' dazju u sisa, irrizulta li iva, kollox kien thallas, biss jibqa' l-fatt li l-fliexken in kwistjoni jew ma kienux immarkati jew inkella ma kienux immarkati kif suppost. Intant, stqarr li fir-rigward tal-fliexken li kellhom il-boll il-hazin, dan madankollu kien imwahhal fil-parti t-tajba tal-flixkun.

Sahaq li sad-data meta saret l-ispezzjoni in kwistjoni, kienu ghaddew hafna snin mill-prejodu tranzitorju ta' meta twaqqfu mill-uzu l-bollol lewn id-dehem u allura, fil-fehma tieghu, kien ghadda oltre milli bizzejjed zmien biex "jitnadaf is-suq".

Waqt ix-xhieda ulterjuri tieghi fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2022[1], ix-xhudipprezenta l-minuta tal-izpezzjoni[2] li saret fin-negozju tas-socjetea` rikorrenti fil-5 ta' Lulju 2019. Minn dan id-dokument, skont ma spjega, jirrizulta liema kienu l-fliexken mhix immarkati u liema kienu dawk immarkati hazin.

Illi s-socjeta` rikorrenti pprezentat ukoll kopja ta' minuti[3] ta' laqgha li sehhet bejn il-Wines, Spirits, Beverages & Tobacco Executive Committee fi hdan il-Malta Chamber of Commerce u d-Dipartiment tad-Dwana nhar it-Tnejn, 3 ta' Dicembru 2019. Minn dan id-dokument, din il-Qorti tqis li l-brani segwenti huwa ta' rilevanza ghall-mertu ta' din il-kawza:

---

[1] Fol. 51-53
[2] Fol. 54-55
[3] Fol. 47-48

*"Joseph Chetcuti informed the meeting that the Department is holding discussions with the Permanent Secretary, to introduce measures of distinction between between tax evasion and stock found without duty bans. Joseph Chetcuti went on to explain that currently the Department confiscates stock in both scenarios, however the changes being discussed will be more lenient towards genuine errors, with lesser fines and no confiscations. Joseph Chetcuti took it upon himself to inform the Chamber when further developments arise"*.

[…]

*"Marisa Hewer, Director Exise, informed the meeting that Customs are currently working with OpSec to improve the adhesive, whilst also making the duty bands longer to that they have more surface attached to the glass bottle."*

L-intimati fil-fatt ressqu bhala xhud lill-imsemmija **Marisa Hewer**[1], Direttur tad-Dipartiment tas-Sisa. Spjegat li s-socjeta` rikorrenti Farsons Bevrage Imports Co Ltd hija *tax warehouse keeper*. L-involviment taghha fil-fatti relevanti ghall-kaz odjern kien li giet infurmata li in segwitu ta' spezzjoni, kienu nstabu diversi fliexkem tax-xorb minghajr bollol tas-sisa u ohrajn bil-bollol hziena u ghalhekk dawn kellhom jigu kkonfiskati. B'mod specifiku, spjegat li kienu nstabu l-bollol lewn id-deheb imwahhla ma fliexken tal-inbid u tal-whisky manifatturati wara Mill-lat ta' sfond, spjegat li l-bollol lewn id-deheb kienu intuzaw ghal zmien limitat sabiex jigu individwati fliexken tal-inbid importat qabel l-1 ta' Jannar 2015 li allura kien ezenti mis-sisa u dan ghax minn dik is-sena, kienet giet introdotta taxxa fuq l-inbid. Il-bollol lewn id-deheb kienu fil-

[1] Fol. 63-68

fatt jintuzaw ghal skop ghal kollox divers ghadd ta' snin qabel, izda biex ma jkunx hemm "hela", regghu bdew jintuzaw ghal dan l-iskop. Fl-14 ta' Awwissu 2015, wara li ghadda il-*grace period*, l-operaturi kienu gew mitluba sabiex jirritornaw il-bollol lewn id-deheb mhux uzati.

In kontro-ezami, ix-xhud stqarret li x'aktarx id-dazju kollu dovut fir-rigward tax-xorb in kwistjoni kien thallas kollu u ccarat li f'dan il-kaz, "l-importatur ghandu *status* gholja hafna maghna allura hemm *trust* kbira u nemmnuh iva". Kompliet issistni madankollu, li l-problema principali f'dan il-kaz kienet li ntuzaw il-bollol lewn id-dehed, li suppost kellhom jigu ritornati lid-Dipartiment sal-14 ta' Awwissu 2015 minhabba li kienu ezenzjoni milli jithallas dazju fuq is-sisa fuq inbid importat qabel l-1 ta' Jannar 2015.

**Ikkonsidrat;**

Illi l-ewwel eccezzjoni moghtija mill-intimat Kummissarju tat-Taxxi hi li m'huwiex legittimu kontradittur ghal dawn il-proceduri.

Illi kif ġie ritenut fis-sentenza ***Grace Borg vs Edward Basile et*** (Qorti Ċivili, Prim' Awla, deciza fit-8 ta' Ottubru 2019):

> "Illi din it-tip ta' eċċezzjoni tista' tinftihem b'modi differenti. Tista' tirreferi għall-kwalità ġuridika tal-konvenut, fis-sens li dan ikun qiegħed jilqa' għat-talba attriċi billi jsostni li huwa estranju għan-negozju ġuridiku pretiż li jkun sar mill-attur billi, per eżempju,

huwa ma jkunx ikkuntratta f'ismu personali imma f'isem soċjetà kummerċjali.

F'kawżi kontra l-amministrazzjoni statali, tipikament kap ta' dipartiment li jiġi mħarrek isostni li ma kellux jiġi mħarrek hu imma l-kap ta' xi dipartiment ieħor inkella l-Avukat Generali. F'dan is-sens l-eċċezzjoni tittratta l-kwalità tas-suġġett ossia tal-parti – ċjoé tal-konvenut";

Il-Qorti qieset id-delega moghtija mill-Kummissarju tat-Taxxi lid-Direttur Generali (Dwana) ai termini tal-Artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, Kap 517 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' Avviz tal-Gvern Numru 766, tal-20 ta' Lulju, 2012, fejn hu ddelega "il-poteri u l-funzjonijiet tieghu, 'inkluz r-rappreżzntanza legali u gudizzjarja tal-Gvern moghtija lilu mis-subartikolu (5) tal-artiklu (3) tal-imsemmi Att" ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-"drittijiet taht l-Ordinanza tad-Dwana, l-Att dwar id-Dazji tal-importazzjoni, l-Att dwar Dazju tas-Sisa, u kull regolament maghmul tahthom."

Illi mill-fatti kif esposti, ma jirrizulta illi l-Kummissarju tat-Taxxi ghandu l-kwalita` suggettiva sabiex joqghod ta' konvenut f'din il-kawza. Filfatt, il-poteri koncessi lilu mill-Ordinanza tad-Dwana, l-Att dwar id-Dazji tal-importazzjoni u l-Att dwar Dazju tas-Sisa, inkluza l-amministrazzjoni taghhom u r-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-Gvern moghtija lilu ai termini tal-Artiklolu 3(5) tal-Kap. 517 tal-Ligijiet ta' Malta, gew delegati i*n toto* lid-Direttur Ġenerali (Dwana).

Ghalhekk, gialadarba r-rapprezentanza tal-Gvern taht dawn l-imsemmija ligiijiet hi vestita fid-Direttur Ġenerali (Dwana) u mhux fil-Kummissajru tat-Taxxi, il-Kummissarju tat-Taxxi ghandu ragun fl-eccezzjoni tieghu li m'huwiex il-legittirmu kontradittur.

Ghalhekk, din l-ewwel eccezzjoni preliminari ser tigi akkolta.

**Ikkonsidrat;**

Illi r-regolament 11 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Att dwar Dazju u tas-Sisa (Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta) jistipola, inter alia, li hadd ma jista' jbiegh jew joffri ghall-bejgh xi inbid f'kontenituri kemm-il darba dawn ma tkunx imwahhla fuqhom faxxa jew bolla skont kif approvata mill-Kummissajru ghat-Taxxi, kif specifikat fir-regolament 12 tal-istess Skeda. Di piu`, ir-regolament 13 tal-istess Skeda jistipola li kull kwantita` ta' inbid li tinstab fil-pussess ta' persuna bi ksur tar-regolamenti 11 u 12 ghandha tigi kkonfiskata favur il-Gvern, u dan minghajr ebda pregudizzju ggal kwalunkwe azzjoni ohra. Illi wkoll, ir-regolamenti 11, 12 u 13 tat-Taqsima B tas-Sitt Skeda tal-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta) huma identici ghal dawk appena msemmija izda jirrigwardjaw l-*ethyl alcohol* u cioe` l-ispirti minflok l-inbid.

**Ikkonsidrat;**

Illi mill-provi prodotti huwa pacifiku illi meta saret l-ispezzjoni, l-Ufficjali tad-Dwana sabu 56 flixkun ta' spirti u imbejjed li ma kienux konformi ma dawn ir-regolamenti appena msemmija. Filfatt, jirrizulta illi whud minn dawn il-fliexken jew ma kellhom l-ebda bolla mwahhla maghhom jew inkella kellhom bolla ta' tip mhux korrett u filfatt ġew maqbuda mill-Ufficjali tad-Dwana.

Jirrizulta ukoll indiskuss bejn il-partijiet illi d-dazju dovut fuq dawn il-fliexken kollha ta' spirti u inbejjed kien thallas kollu u ghalhekk, ma hemm ebda evazjoni ta' dazju tas-sisa.

Illi b'hekk, epurata l-kwistjoni dwar evazjoni fiskali *o meno*, il-kwistjoni legali migjuba quddiem din il-Qorti hija *sic et simpliciter* jekk id-Direttur Generali (Dwana) huwiex gustifikat fil-qbid tal-56 flixkun in kwistjoni.

Illi kif gie ritenut fis-sentenza ***Priscilla Cassar et v. Kontrollur tad-Dwana*** (Qorti tal-Appell, deciza 29 ta' Jannar 2010):

> "Dak li trid tara l-Qorti f'dawn il-proceduri huwa li tezamina c-cirkostanzi tal-kaz fid-dawl tal-ligijiet doganali applikabbli u tara jekk ir-rikorrent huwiex intitolat li jiehu "lura l-hwejjeg hekk konfiskati". ... Id-dmir tal-Qorti f'dawn ic-cirkostanzi hu mhux li tiddikjara valida jew nulla n-Nota ta' Qbid mahruga mill-intimat … izda li tezamina u tiddetermina jekk effettivament kienx hemm il-ksur allegat tad-disposizzjonijiet invokati mill-intimat biex jiggustifika l-qbid u ghalhekk jekk il-qbid tal-oggetti relattivi kienx legalment gustifikat."

**Ikkonsidrat;**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi meta saret l-ispezzjoni mill-ufficjala tad-Dwana, il-hanut mertu ta' din il-kawza kellu ghall-bejgh numru konsiderevoli ta' fliexken tal-inbid u tal-ispirti. Is-soċjetà rikorrenti targumenta li huwa inverosimili li hija intenzjonalment ma wahhlitx il-bollol fuq dawn il-fliexken meta l-maggoranza assoluta ta' fliexken l-ohra vizibbli u disponibbli fil-hanut

kienu mmarkati b'mod regolari. Bl-istess argument, ribadiet ukoll li ma kien hemm assolutament xejn x'tiggwadanja bil-fatt li xi fliexken kienu immarkati b'bollol tas-sisa antiki li fil-passat, kellhom uzu divers u li allura, dan kien rizultat ta' zball genwin.

Illi mill-banda l-ohra, id-Direttur Generali (Dwana) intimat jargumenta li ladarba fl-ispezzjoni gew riskontrati nuqqasijiet, huwa kien pjenament gustifikat li jaqbad il-fliexken tal-inbid u l-ispirti kollha in kwistjoni ghax skont ma jargumenta in sostenn tad-decizjoni tieghu, hekk trid il-ligi.

Illi kif ġie ritenut fis-sentenza ***Michael Mangion et vs il-Kontrollur tad-Dwana*** (Qorti Civili, Prim' Awla, deciza 12 ta' Marzu 2013 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-18 ta' Lulju 2017):

> "il-Qorti m'ghandhiex tapplika l-ligi b'mod robotiku sabiex tara jekk kienx hemm ksur tar-regolamenti izda ghandha tikkonsidra l-intenzjoni tal-importatur mehuda fic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-komportament tieghu".

Illi tal-istess linja ta' hsieb kienet il-Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha fil-kawza fl-ismijiet ***Patrick Cellars Limited (C 15930) et vs Il-Kummissarju tat-Taxxi*** (deciza fis-26 ta' Novembru 2014) meta qalet li "kwindi din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fil-konkluzjoni illi wasslet ghaliha l-Ewwel Qorti illi n-nuqqas ta' dikjarazzjoni maghmula mill-agent ghan-nom tas-socjeta` rikorrenti kien zball genwin" u b'hekk ghaddiet biex tichad l-aggravju sollevat mill-Kummissarju tat-Taxxi favur il-konfiska.

Illi huwa pacfifiku li s-socjeta` rikorrenti hija importatur u distributur ta' portata konsiderevoli fis-suq lokali, fatt li gie ukoll ikkonfermat fix-xhieda ta' Marisa Hewer prodotta mill-intimati, u l-hanut taghha huwa miftuh ghall-pubbliku generali.

Illi din il-Qorti tqis li ghalkemm mhux impossibbli, huwa inverosimili li kummercjant ta' din il-portata jipperikola li jpoggi ghall-bejgh prodotti li *ab initio* ma jkunux konformi mal-ligi bir-riperkussjonijiet kollha legali u reputazzjonali li dan jista' jipprecipita.

Illi skont ix-xhieda guramentata ta' Norman Aquilina, il-maggoranza tal-fliexken in kwistjoni kellhom bolla hazina mwahhla u xi wahdiet ma kellhom l-ebda bolla. Dan ix-xhud ikkonferma ukoll li s-socjeta` rikorrenti kemm il-darba importat xorb u l-bollol dejjem twahhlu b'mod korrett. B'hekk, fuq l-iskorta ta' din ix-xhieda il-Qorti hija propensa li temmen il-verzjoni moghtija mis-socjeta` rikorrenti u cioe` li ma kellha l-ebda intenzjoni li f'dan il-kaz ma tottemporax ruhha mad-disposizzjoniiet tar-regolamenti 11(5) tat-Taqsima B u tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Att dwar Dazju u tas-Sisa (Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta) bhal ma dejjem taghmel skont kliemha stess.

Illi gara pero`, li sar zball genwin f'liema bollol twahhlu fuq uhud mill-fliexken u seta' gara ukoll li xi bollol (li probabbilment kienu tal-ghamlu korretta u allura mill-'godda') waqghu minn mal-fliexken *de quo* u dan, essenzjalment, minhabba difett fl-adesiv tal-bollol, fatt li kif irrizulta mill-provi, kien prevalenti fiz-zmien relevanti ghal din il-vertenza. Hawnhekk, il-Qorti tinnota li importatur m'ghandux ghazla ohra minn fejn igib il-bollol ghajr ghall-fornitur indikat mid-Direttur Generali (Dwana) u jekk dan jisupplixxi bollol difettuzi, kif jista' jkun li gara f'dan il-kaz, l-importatur ikollu joqghod bihom

bir-riskju li l-istess Direttur Generali (Dwana) jiehu passi kontrih jekk isib xi nuqqas.

Illi stradata l-kwistjoni dwar il-bollol difettuzi, lanqas ma l-Qorti tara li l-possibbli nuqqasijiet minuri li seta' kien hemm f'dan il-kaz minn naha tal-importatur għandhom isarrfu fil-konfiska 56 flixkun ta' imbejjed u spirti b'valur approssimattiv ta' €9,316.47 meta rrizulta li, wara kollox, ma kien hemm ebda evazjoni tal-erarju pubbliku.

Illi sa certu punt, ghandu ragun id-Direttur Generali intimat jargumenta li t-twahhil tal-faxex fuq il-kontenturi u l-evazjoni fiskali huma zewg aspetti differenti tal-ligi, tant li s-socjeta` de quo m'hijiex akkuzata li evadiet il-fisku, pero` min-naha l-ohra ma taghmilx sens ghal socjeta` bhal dik rikorrenti li wara li tkun hallset id-dazju tas-sisa kollha dovut imnaghat intenzjonalment ma turix il-bollol rispettivi fuq il-fliexken.

**DECIDE**

**Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza billi :**

1. **Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissajru tat-Taxxi tiddikjara illi l-Kummissajru tat-Taxxi m'huwiex legittimu kontradittur tas-socjeta` rikorrenti u ghaldaqstant qed tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;**

2. **Tilqa' t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti u filwaqt li tiddikjara illi l-oggetti maqbuda fin-Nota ta' Qbid numru 339/2019 ma kellhomx jigu**

**maqbuda, tordna li dawn l-istess oggetti jiġu rilaxxati a favur tas-socjeta` rikorrenti;**

3. **Tiċħad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati sa fejn dawn huma inkompatibbli ma dak li gie deciz hawn fuq.**

**Bl-ispejjez tal-prezenti, ghandhom ikunu a karigu esklussiv tad-Direttur Ġenerali (Dwana) intimat salv ghall-ewwel eccezzjoni, li ghandha tkun a karigu esklussiv tas-socjeta` rikorrenti.**

**Dr. Nadine Lia**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**